**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 12 t'April 2018**

**Pulizija**

**Spettur Roderick Agius**

**Vs**

**Clint Zammit**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Clint Zammit ta' 28 sena mwieled Pieta', nhar l-14 ta' Dicembru 1988 bin George u Bernardette nee' Abela u residenti 34, Triq pinto, Qormi, imma bhalissa minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-idetntita' numru 572888M;

Talli flimkien ma persuna ohra nhar is-16 ta' Frar 2017 ghall-habta tas-01:45hrs minn gewwa Joe's Confectionary, fi Triq Anici, Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer:

1) Ikkommettew serq ta' flus kontanti, sigaretti u oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329), bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' Mark Paul Camilleri u/jew persuni ohra;

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) ghad-detriment ta' Mark Paul Camilleri, British American Tobacco u/jew persuni ohra;

3) Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-12 t'April 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat in-nota ta' patteggjament li sar bejn l-Avukat Generali u d-difiza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 325, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal tletin (30) xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**